**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 21 ta' Frar 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**Vs**

**NURI GAKOB**

Kump Nru 500/2009

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Gakob Nuri,** li ghandu numru tal-passaport 239480, gie akkuzat talli nhar il-Gimgha 22 ta' Mejju 2009 ghall-habta ta' bejn is-6:00pm u s-7:00pm waqt li kien fil-fond 479, Main Street, Mosta kkommetta serq ta' *pouch* li kien fih is-somma ta' €2,640 kif ukoll dokumenti personali, liema serq hu ggravat bil-valur, persuna u lok u dan ghad-dannu ta' Carmel Botterill mill-Mosta.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tas-17 ta' Novembru 2009 minn fejn jirrizultaw l-Artikoli tal-Ligi li a bazi taghhom l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab il-htija, liema rinviju jinsab *a folio* 54 tal-atti;

Rat li l-imputat ta il-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jissokta u jigi deciz bil-procedura sommarja (ara *folio* 57);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

Rat il-verbal tal-lum stess;

**Ikkunsidrat**;

Illi minkejja li dan il-kaz ha zmien mhux hazin u nstemghu tista tghid ix-xhieda kollha, kien propju fl-udjenza tal-lum stess li l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni tas-serq. Izda, kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza ta` llum stess, l-imputat ikkontesta bil-qawwa kollha is-somma ta' €2,640, l-ammont ta' flus allegatament misruq minnu u li allegatament kien jinsab fil-*pouch* mehud ghad-detriment ta' certu Carmel Botterill.

In vista ta' din l-ammissjoni, l-imputat inghata zmien xieraq skond il-ligi biex jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu. Izda huwa insista fuq l-ammisjoni tieghu kif ikkwalifikata, fis-sens illi definittivament ma kienx l-ammont ta' €2,640 li effettivament gie mehud minnu izda l-ammont kien aktar qrib is-somma komplessiva ta' €500.

Kif iddikjarat minnu fil-verbal tal-lum stess, l-imputat in linea mal-ammissjoni tieghu kif ikkwalifikata, hallas lill-Carmel Botterill is-somma ta' €500 fi flus kontanti.

**Ikkunsidrat;**

In tema ta` piena jew sanzjoni din il-Qorti qed tikkonsidra l-fatt illi fil-mori ta` din il-kawza l-imputat radd is-somma ta' €500 lil Carmel Botteril. Il-Qorti tippuntwalizza illi meta ezaminat l-atti kollha, ghalkemm kienet konvinta li effettivament l-imputat ha il-*pouch* propjeta ta' Carmel Botterill, il-provi rizultanti f'dawn l-atti qatt ma wasslu lil din il-Qorti sabiex tkun konvinta skond il-ligi mill-ammont ta' flus kif originarjament gie allegat li insterqu a detriment ta` Carmel Botteril. Din hija principalment l-

ispjegazzjoni ghaliex din il-Qorti qed taccetta bhala fattur mitiganti l-fatt li l-imputat ta lura lill-Carmel Botterill is-somma komplessiva ta' €500.

Il-Qorti rat ukoll fil-kuntest tal-ahjar sanzjoni indikata, il-fedina penali nettissima tal-imputat li tinsab *a folio* 26 tal-atti.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar il-fuq esposti, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 31, 261, 267, 268(b), 269(g), 279(b), 280(1), 281(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lil Gakob Nori hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Gakob Nori bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett snin mil-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Il-Qorti fissret lil Gakob Nori fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur